SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tmien laqgħa tas-sitt Kunsill li saret nhar il-Hamis 9 t'Awissu 2012 fit-8:00 ta' filghodu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz.

*Preżenti:*

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Vici Sindku:* | Anthony Cassar |
| *Kunsilliera:* | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba.

**2.0 Laqgha mal-perit u l-kuntrattur tal-progett tas-service culvert li qed isir fil-pjazza**

2.1 Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-perit tal-progett Edward Scerri flimkien mal-kuntrattur tal-istess progett Road Construction. Waqt il-laqgha gew diskussi l-andament tax-xoghol u l-pjaniijiet ta' kif ser jitqassam ix-xoghol u problemi li ltaqghu maghhom. Rigward il-variation li ltqajna maghha l-perit semma li ma ghandhiex tkun varja hafna peress li kien hemm allokat xi contingencies.

**3.0 Dikjarazzjoni tal-perit fuq l-ghazla tal-offerti tal-Bring-in-sites.**

3.1 Is-Sindku rrefera ghad-dikjarazzjoni maghmula mil-Perit Godwin Sultana fejn ikkonferma li l-irhas offerta, dik ta' Peter Paul Said hija korretta u kompatibbli mar-rekwiziti tal-offerta.

3.2 Saret referenza ghall-offerta tax-xiri tal-bins u ghal fatt li wara li ghalqet l-offerta ma kien hemm l-ebda bid. Is-Sindku semma li peress li ahna marbutin mad-deadline tal-progetti tal-Ecogozo, ghandna nistharrgu mad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk f'dan l-istadju nistghux immorru ghal Direct Order peress li ma fadalx zmien biex nergghu nirrepetu t-tender.

**4.0 Xiri ta' appartament ghall-ufficju tal-Kunsill.**

4.1 Is-Sindku rrefera ghall-pjanti tal-progett ta' appartamenti li ser jinbnew fi Triq San Lawrenz u ghal fatt li dan is-sit ikun ideali ghal Kunsill sabiex jixtri appartament u jittrasformah f'ufficini tal-Kunsill. Sadanitant, kemm il-darba jsir

A.F.

dan, il-Kunsill ghandu jibda l-proceduri mal-gvern centrali biex jinbnew ghassa, berga u latrina pubblika fid-dahla tal-iskola.

4.2 Il-Kunsill ra l-pjanta tal-progett u tefa' ghajnejh fuq appartament li jaghti ghat-triq ghal-prezz ta' €70,000, gebel u saqaf.

4.3 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li ghandu jikkuntatja lis-sid u lil perit tal-progett sabiex jistharreg mieghu l-possibilita' li minflok tieqa jinfetah bieb direttament ghal barra biex l—ufficju jkun aktar accessibli.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghodu.

***Anthony Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***